MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 727/2011

**DFK Malta Consultancy Services Limited**
**(C – 18684)**

**vs**

**Cassar and Schembri Limited**
**(C – 10138)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-29 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata ghandha thallas l-ammont indikat fl-imsemmi rikors promotur lis-socjeta` rikorrenti ghal servizzi professjonali provduti lilha;

2. Illi nonostante li debitament interpellata, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti;

Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti talbet lill-qorti odjerna biex:

1. Tiddikjara lis-socjeta` ntimata hi obbligata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ndikata fir-rikors promotur;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata thallas l-imsemmi ammont lis-socjeta` rikorrenti;

3. U dan, bl-ispejjez hemm ukoll indikati u bl-imghaxijiet relattivi skont il-ligi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal taghha tat-12 ta’ Jannar, 2012, li permezz tieghu gie dikjarat li s-socjeta` ntimata kienet fi stat ta’ kontumacja;

Rat il-verbal taghha tat-12 t’April, 2012, li permezz tieghu din il-procedura kienet differita ghall-provi dwar il-kontumacja;

Semghet il-provi prodotti fir-rigward tal-iskop indikat fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

Illi f’dan l-istadju, din il-procedura hi limitata ghall-analizi u decizjoni rigward il-kontumacja tas-socjeta` ntimata;

Ikkunsidrat:

Illi x-xhieda riprodotta mis-socjeta` ntimata kontumaci tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-marixxall li ddepozita d-dokument in dizamina mar jeffettwa tali notifika ghand Claudio u Laura Cassar, Marsascala;

2. Illi skont l-istess Claudio Cassar dan jallega xi inezattezza fid-dokumentazzjoni lilu kkonsenjata u rrifjuta li jzomm tali dokument;

3. Illi jsostni wkoll li dan inghata lura lill-marixxall involut;

4. Illi skont l-imsemmija konjugi Cassar, il-kwistjoni spiccat hemm;

Ikkunsidrat:

Illi pero`, skont il-marixxall notifikant jirrizulta s-segwenti:

1. Illi hu mar jinnotifika lis-socjeta` ntimata fl-indirizz lilu ndikat mir-rikors promotur;

2. Illi skont ma jirrizulta mit-timbri ufficcjali u mid-dokumentazzjoni minnu mizmuma fid-djarju tieghu, in-notifika tar-rikors u tal-Avviz ta' smiegh gew mghoddija regolarment lill-persuni minnu ndikati fit-timbru tieghu ufficcjali kif jidher a fol 21 u 22;

3. Illi fir-rimarki tal-marixxall notifikant ma jirrizulta xejn inkonswet fit-timbri minnu ffirmati;

Ikkunsidrat:

Illi sa kemm ma jigix provat mod iehor, hu assodat li dak li jirrizulta mill-istess atti, huwa prova fih innifsu;

Illi fuq bazi ta' probabbilita` din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet tajbin bizzejjed biex twaqqa' l-affermazzjonijiet *a tempo vergine* tal-marixxall notifikant u ghalhekk, m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tissufragah;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, tikkonferma d-dikjarazzjoni precedenti taghha datata t-12 ta’ Jannar, 2012, u konsegwentement tikkonferma li s-socjeta` ntimata Cassar and Schembri Limited hi fi stat

ta’ kontumacja u filwaqt li tawtorizza l-kontinwazzjoni tal-kawza, f’dan l-istadju tirriserva li tiddiferixxi l-kawza ghal dan l-iskop wara li tisma’ lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------